**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 378/15 AL

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-esponenti kienet mizzewga lil **CB** (ID 87068M) liema zwieg kien gie kkontrattat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru elf disgha mija u disghin (1990) (Dok A);

Illi mill-imsemmi zwieg twieldu tlett (3) itfal li huma RB li ghandha erbgha u ghoxrin (24) sena, NB li ghandu tnejn u ghoxrin (22) sena u HB li ghandha hmistax (15) il-sena;

Illi l-esponenti ghandha l-kura u l-kustodja tal-minuri ai termini ta' digriet ta' dina il-Qorti (Dok B);

Illi l-esponenti u zewgha ilhom separati de facto minn xulxin ghal dawn l-ahhar hdax (11) il-sena meta zewgha kien abbanduna id-dar matrimjonjali fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004);

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin hekk kif jidher wkoll mill-proceduri ta' medjazzjoni u d-digriet li jawtorizza lil esponenti tipprocedi b'dan il-proceduri (Dok C);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Grixti;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u bid-tibdil tal-kunjom, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament, li permezz taghha iddikjara :

1. Illi huwa jaqbel mat-talbiet maghmula mir-rikorrenti fir-rikors taghha datata 18 ta' Settembru, 2015;
2. Illi huwa ma ghandu l-ebda oggezjoni ghal hall taz-zwieg;
3. L-intimat lanqas ma jsir ebda oggezzjoni li r-rikorrenti tirriverti ghal kujom xbubitha biex b'hekk isem ir-rikorrenti jigi jaqra AV;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Ottubru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok il-Qorti qeghda tilqa t-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Grixti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu il-passi opportuni f'dan ir-rigward;

Il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet kontenuti f'dan ir-rikors peress illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal snin twal u ghaddew ukoll mill-procedura tal-medjazzjoni;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.